KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fid-19 ta' Ġunju 2014[1]

Kawża C-447/13 P

Riccardo Nencini
vs

Il-Parlament Ewropew

"Appell — Ex Membru tal-Parlament Ewropew — Kumpens intiż biex ikopri l-ispejjeż li jintefqu fit-twettiq tal-funzjonijiet Parlamentari — Kreditu li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-proċedura għall-ħlas lura ta' ammonti indebiti — Regoli ta' preskrizzjoni — Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju — Dies a quo — Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni — Prinċipju ta' ċertezza legali — Prinċipju ta' terminu raġonevoli"

I – **Introduzzjoni**

1. Permezz tal-appell tiegħu, l-appellant, R. Nencini, ex Membru tal-Parlament Ewropew, jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Nencini vs Il-Parlament[2], li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew intiża sabiex jiġu rkuprati ċerti spejjeż imħallsa indebitament lill-apellant matul il-mandat parlamentari tiegħu.

2. Dan l-appell iqajjem aspett tad-dritt tal-Unjoni li qatt ma ġie indirizzat qabel, li jirrigwarda t-terminu ta' preskrizzjoni ta' krediti tal-Unjoni Ewropea kontra terzi.

3. L-argumenti tal-appellant jinvokaw il-prinċipju ta' ċertezza ġuridika u jindikaw lakuna leġiżlattiva potenzjali fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' ċerti krediti tal-Unjoni. L-analiżi tal-konsegwenzi ta' din il-lakuna mill-perspettiva tal-prinċipju ta' ċertezza ġuridika tissolleva domanda dwar ir-rwol tal-qorti sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-imsemmi prinċipju meta l-liġi ma tgħid xejn.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

4. Fiż-żmien meta seħħew il-fatti, ir-Regolament Finanzjarju tal-Unjoni kien stabbilit permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002[3] u r-regoli ta' implementazzjoni tiegħu permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002[4].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-431/10 u T-560/10, EU:T:2013:290 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

3 — Regolament tal-Kunsill, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006, tat-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 390, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju").

4 — Regolament tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1605/2002 u (ĠU L 357, p. 1) fil-verżjoni kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007, tat-23 ta' April 2007 (ĠU L 111, p. 13, iktar 'il quddiem ir-"Regoli ta' Implementazzjoni").

5. L-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju jipprovdi:

“Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta’ regolamenti speċifiċi u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill marbuta mas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet, id-drittijiet tal-Komunitajiet fir-rigward ta’ partijiet terzi u d-drittijiet ta’ partijiet terzi fir-rigward tal-Komunitajiet għandhom ikunu soġġetti għal perijodu ta’ limitazzjoni [terminu ta’ preskrizzjoni] ta’ ħames snin.

Id-data biex jiġi kkalkulat il-perijodu ta’ limitazzjoni u l-kondizzjonijiet għall-interruzzjoni tal-perijodu għandhom jitniżżlu fir-regoli implimentattivi”.

6. L-Artikolu 85b tar-Regoli ta’ Implementazzjoni, bit-titolu “Regoli għal perjodi ta’ limitazzjoni [preskrizzjoni]”, jipprovdi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

“Il-perjodu ta’ [preskrizzjoni] għal drittijiet tal-Komunitajiet fir-rigward ta’ partijiet terzi għandu jibda jiddekorri malli tinqabeż l-iskadenza kkomunikata lid-debitur fin-nota ta’ debitu kif speċifikat fl-Artikolu 78(3)(b) [tar-Regoli ta’ Implementazzjoni]”.

III – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

7. L-appellant kien membru tal-Parlament Ewropew matul il-leġiżlatura bejn l-1994 u l-1999.

8. Kif jirriżulta mis-sentenza appellata, wara inkjesta mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF), f’Diċembru 2006, il-Parlament fetaħ proċedura ta’ verifika, u sussegwentement proċedura għall-irkupru ta’ ċerti spejjeż tal-ivvjaġġar u ta’ assistenza parlamentari li kienu ħallsu lill-appellant bi ksur tar-regolament dwar l-ispejjeż u l-kumpens tal-Membri Parlamentari (iktar ’il quddiem ir-“Regolament SKU”).

9. Fis-16 ta’ Lulju 2010, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament adotta d-deċiżjoni dwar l-irkupru tal-ammont ta’ EUR 455 903.04, redatta bl-Ingliż u kkomunikata lill-appellant fit-28 ta’ Lulju 2010. Fis-16 ta’ Awwissu 2010, l-appellant irċieva n-nota ta’ debitu tad-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament, tal-4 ta’ Awwissu 2010, dwar l-ammont inkwistjoni.

10. Fis-7 ta’ Ottubru 2010, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament adotta deċiżjoni ġdida, miktuba bit-Taljan, li ssostitwixxiet dik tas-16 ta’ Lulju 2010. Dik id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata lill-appellant fit-13 ta’ Ottubru 2010, akkumpanjata b’nota ta’ debitu ġdida dwar l-istess ammont u li tissostitwixxi dik tal-4 ta’ Awwissu 2010.

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

11. Permezz ta’ atti ppreżentati fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta’ Settembru u fl-10 ta’ Diċembru 2010, l-appellant ippreżenta żewġ rikorsi distinti li jitolbu, fl-ewwel lok, l-annullament tal-atti tal-Parlament li ġew ikkomunikati lilu fit-28 ta’ Lulju u fis-16 ta’ Awwissu 2010 (Kawża T-431/10) u, fit-tieni lok, l-annullament ta’ dawn l-aħħar atti u ta’ dawk ikkomunikati fit-13 ta’ Ottubru 2010 kif ukoll tar-rinviju għall-fajl tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament sabiex jiġi ddeterminat mill-ġdid l-ammont li għandu jiġi rkuprat (Kawża T-560/10).

12. It-talbiet għal proċedura sommarja ppreżentati mill-appellant f’dawn iż-żewġ kawżi ġew miċħuda mill-President tal-Qorti Ġenerali[5]. Il-Kawżi T-431/10 u T-560/10 ġew magħquda mill-Qorti Ġenerali għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub, il-proċedura orali u s-sentenza.

5 — Rispettivament, id-digrieti Nencini vs Il-Parlament tad-19 ta’ Ottubru 2010 (T-431/10 R, EU:T:2010:441) u tas-16 ta’ Frar 2011 (T-560/10 R, EU:T:2011:40).

13. Matul is-seduta tat-18 ta' April 2012, l-appellant irtira r-rikors fil-Kawża T-431/10.

14. Fil-punti 22 sa 32 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li kien ammissibbli r-rikors ippreżentat fil-Kawża T-560/10 inkwantu kienet tirrigwarda l-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tas-7 ta' Ottubru 2010 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

15. Insostenn tal-imsemmi rikors, l-appellant, essenzjalment, invoka erba' motivi, li jirrigwardaw, l-ewwel nett, il-preskrizzjoni, it-tieni nett, ksur tal-prinċipju tal-kontradittorju u l-prinċipju ta' protezzjoni ġuridika effettiva, it-tielet nett, ksur tar-Regolament SKU u, ir-raba' nett, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

16. Fil-punti 34 sa 54 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat u ċaħdet l-ewwel motiv dwar il-preskrizzjoni.

17. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fl-ewwel lok, li l-preskrizzjoni ta' ħames snin imsemmija fl-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju għandha tiġi kkalkulata, meta jitqies l-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni, sa mid-data ta' għeluq kkomunikata lid-debitur fin-nota ta' debitu. F'dan il-każ, meta titqies id-data tal-20 ta' Jannar 2011 li ġiet ikkomunikata lill-appellant fin-nota ta' debitu tat-13 ta' Ottubru 2010, it-terminu ta' preskrizzjoni ma kienx skada.

18. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ewwel motiv tal-appellant fejn jallega ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

19. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali indikat li l-proċedura stabbilita mill-Parlament setgħet infetħet qabel, fid-dawl b'mod partikolari taż-żmien li kien għadda bejn it-tmiem tal-mandat parlamentari tal-appellant u d-data meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, peress li l-Parlament diġà kellu f'idejh id-dokumenti ta' kontabbiltà relevanti kif ukoll peress li diġà kellha tinġibed l-attenzjoni tal-Parlament permezz ta' ittra tal-appellant li permezz tagħha intalbet kjarifika dwar il-modalitajiet ta' rimbors tal-ispejjeż inkwistjoni.

20. Il-Qorti Ġenerali b'hekk ikkonstatat li l-Parlament kien naqas mill-obbligi li jirriżultaw mill-prinċipju ta' terminu raġonevoli, waqt li indikat li ksur ta' dan il-prinċipju ma jistax iwassal għall-annullament ta' att ħlief jekk dak il-ksur ikun affettwa l-eżerċizzju ta' drittijiet tad-difiża tad-destinatarju tiegħu. Issa, f'dan il-każ, l-appellant ma ressaq ebda argument li jallega ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu minħabba l-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli. Il-ksur mill-Parlament tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli b'hekk ma setax iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

21. Fil-punti segwenti tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tieni motiv bħala ineffettiv (punti 55 sa 63), kif ukoll it-tielet u r-raba' motivi bħala infondati (rispettivament, punti 64 sa 101 u 102 sa 113).

22. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali, min-naħa waħda, ħassret il-Kawża T-431/10 mir-reġistru waqt li ordnat li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha u, min-naħa l-oħra, ċaħdet ir-rikors fil-Kawża T-560/10 u kkundannat lill-appellant għall-ispejjeż fl-imsemmija kawża, inklużi l-ispejjeż fil-proċedura sommarja.

V – **It-talbiet tal-partijiet**

23. Permezz tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata u, jekk l-appell jintlaqa', preliminarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata jew, sussidjarjament, jiġi ddeterminat b'mod ekwu l-ammont li għandu jiġi rkuprat jew li l-fajl jiġi rrinvijat lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament sabiex jistabbilixxi dak l-ammont fuq dik il-bażi.

24. Barra minn hekk, l-appellant jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Parlament jiġi kkundannat għall-ispejjeż fil-Kawżi T-431/10 u T-561/10 kif ukoll għall-ispejjeż tal-appell.

25. Il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż.

VI – **Analiżi**

26. L-appellant iqajjem ħames aggravji, li l-ewwel erbgħa fosthom għandhom ċerta rabta mal-erba' motivi mqajma fl-ewwel istanza.

27. B'hekk, l-ewwel motiv jallega l-ksur tar-regoli ta' preskrizzjoni u tal-prinċipji ta' ċertezza ġuridika, ta' raġonevolezza u ta' effettività. Fil-kuntest ta' dan l-aggravju, l-appellant jinvoka eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tal-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni u, sussidjarjament, ukoll kontra l-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju.

28. It-tieni aggravju jallega ksur tal-prinċipji ta' kontradittorju u ta' protezzjoni ġuridika effettiva, it-tielet wieħed jallega applikazzjoni żbaljata tar-regolament FID u r-raba' wieħed jallega ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità matul id-determinazzjoni tal-ammont li għandu jiġi rkuprat. Finalment, permezz tal-ħames aggravju, l-appellant jikkontesta l-fatt li ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha fil-Kawża T-560/10 u parti mill-ispejjeż fil-Kawża T-431/10.

29. Il-Parlament jikkontesta dawn l-aggravji billi jsostni li dawn huma inammissibbli jew infondati.

30. Ser nikkonċentra l-analiżi tiegħi fuq l-ewwel aggravju, peress li l-aggravji l-oħrajn għandhom, għal raġunijiet li ser nispjega fil-qosor sussegwentement, jiġu miċħuda *a priori* peress li huma inammissibbli jew infondati.

A – *Fuq l-ewwel aggravju, li jallega ksur tar-regoli ta' preskrizzjoni u tal-prinċipji ta' ċertezza ġuridika, ta' raġonevolezza u ta' effettività*

31. L-ewwel aggravju, li jittratta dwar il-motivi msemmija fil-punti 34 sa 54 tas-sentenza appellata, essenzjalment, jikkonsisti fi tliet partijiet.

32. Fl-ewwel lok, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni, billi kkunsidrat li t-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data kkomunikata lid-debitur fin-nota ta' debitu. Ikun hemm ksur tal-prinċipji ta' ċertezza ġuridika u ta' protezzjoni ġuridika effettiva jekk it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri minn data li tiġi ddefinita liberament mill-kreditur, jiġifieri fid-data meta l-kreditur jinvoka l-kreditu. Skont l-appellant, it-terminu msemmi fl-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni, interpretat fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza ġuridika, għandu jitqies bħala "terminu ieħor ta' ħames snin" li jibda jiddekorri mid-data meta tinbagħat in-nota ta' debitu u li jiżdied mat-terminu ta' preskrizzjoni proprju, imsemmi fl-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju. Dan l-aħħar terminu jiddekorri, fil-fehma tiegħu, mill-mument minn meta d-dritt jista' jiġi eżerċitat.

33. Fit-tieni lok, f'każ li l-interpretazzjoni spjegata fil-punt preċedenti ma tkunx konvinċenti għall-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellant jinvoka eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni, peress li dan imur kontra l-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju. Sussidjarjament, huwa jeċċepixxi l-illegalità kemm tal-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni kif ukoll tal-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju, minħabba ksur tal-"bażi ġuridika essenzjali" tal-preskrizzjoni, kif ukoll il-ksur tal-prinċipji ta' ċertezza ġuridika u tad-drittijiet ta' difiża.

34. Fit-tielet lok, l-appellant jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli eżaminat, b'mod żbaljat, bħala motiv awtonomu, l-argument tiegħu li jallega l-ksur tad-terminu raġonevoli. Skont l-apellant, il-Qorti Ġenerali, minflok ma rrispondiet għall-argument tiegħu li jallega ksur tar-regoli ta' preskrizzjoni u tan-neċessità li tingħata interpretazzjoni konformi tal-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni, eżaminat dawn l-argumenti fis-sens li jirrigwardaw il-ksur tad-terminu raġonevoli bħala korollarju tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

35. Ser neżamina t-tliet partijiet tal-aggravju fl-istess ordni.

1. Fuq l-ewwel parti, li tallega interpretazzjoni żbaljata tar-regoli dwar il-preskrizzjoni

a) Fuq l-istitut tal-preskrizzjoni

36. Skont l-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju, il-krediti ta' terzi lejn l-Unjoni kif ukoll dawk tal-Unjoni lejn terzi huma suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin.

37. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi, fid-dritt tal-Unjoni, preskrizzjoni estintiva ta' krediti applikabbli b'mod ġenerali u mingħajr preġudizzju għar-regoli speċjali, li b'hekk tista' tiġi mqabbla ma' terminu ta' preskrizzjoni ta' dritt komuni fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali [6].

38. Il-preskrizzjoni estintiva tal-krediti hija istituzzjoni ġuridika magħrufa mill-biċċa l-kbira tas-sistemi ġuridiċi kontemporanji. Din hija, sa fejn naf jien, preżenti mingħajr eċċezzjoni fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri kollha.

39. Għandhom jitfakkru, f'dan ir-rigward, is-sisien fundamentali tal-preskrizzjoni bħala istitut tad-dritt modern [7].

40. Fl-ewwel lok, fl-interess tal-ordni pubbliku, is-sistema ġuridika għandha tiġi interpretata b'mod li jiġi evitat li jitqajmu dubji dwar sitwazzjonijiet fattwali li jkun ilhom żmien twil. Dawn is-sitwazzjonijiet barra minn hekk iktar spiss ikunu konformi mad-dritt milli l-kuntrarju. Jekk dawn jiġu kkontestati, ikun hemm riskju li jintlaħqu soluzzjonijiet inġusti, fid-dawl tal-inċertezza tal-provi. Barra minn hekk, il-passaġġ taż-żmien għandu jwassal għal leġiżlazzjoni anki ta' sitwazzjonijiet li huma kuntrarji għad-dritt. Effettivament, wara perijodu twil ta' inazzjoni, il-persuna li tkun suġġetta għal obbligu tista' tqis li ma għadhiex obbligata li teżegwixxi dak l-obbligu. Il-passaġġ taż-żmien jimplika diffikultajiet ta' prova, peress li l-persuni kkonċernati ma jistgħux ikunu obbligati li jżommu l-provi għal perjodu indefinit. Finalment, il-preskrizzjoni tagħti inċentiv lill-kreditur biex jaġixxi b'ħeffa sabiex jasserixxi d-drittijiet tiegħu.

41. B'hekk, l-objettiv tal-preskrizzjoni, minbarra ir-rwol tagħha ta' stabilizzatur, jinsab, minn naħa waħda, fl-istigmatizzazzjoni tal-indolenza tal-kreditur li ma jurix diliġenza sabiex jasserixxi d-drittijiet tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-preskrizzjoni hija intiża sabiex tillimita kawżi dwar kwistjonijiet qodma, peress li jkun hemm riskju għoli ta' soluzzjonijiet arbitrarji minħabba diffikultajiet ta' prova.

6 — Għandha ssir ukoll distinzjoni bejn l-imsemmi Artikolu 73a u dispożizzjonijiet oħrajn ta' atti tal-Unjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar is-setgħa li jiġu imposti sanzjonijiet jew miżuri punittivi oħrajn. Ara, fir-rigward ta' sanzjonijiet imposti abbażi ta' ksur tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE, l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) u, fir-rigward ta' frodi li tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

7 — Dawn il-bażijiet ġew stabbiliti minn Friedrich Carl von Savigny f'*System des heutigen römischen Rechts* (Band 5., Berlin 1841, p. 267). Sussegwentement nikkwota lil B. Kordasiewicz, *Problematyka dawności*, f': *System prawa prywatnego*, Tom 2, *Prawo cywilne — Część ogólna*, Varsavja, CH Beck, Instytut Nauk Prawnych PAN 2012, p. 576.

42. Dan premess, dik l-istituzzjoni hija rregolata b'mod differenti fid-diversi sistemi ġuridiċi u, anki fi ħdan l-istess sistema ġuridika, għal kategoriji ta' krediti differenti [8].

43. Għandu jiġi osservat ukoll li l-istituzzjoni tal-preskrizzjoni ma tikkonsistix biss f'terminu, iżda tinkludi l-kundizzjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni tagħha, b'mod partikolari, id-*dies a quo*, il-metodi għall-kalkolu tat-terminu, il-kawżi ta' sospensjoni u ta' interruzzjoni, il-possibbiltà ta' modifika tat-terminu mill-partijiet, l-effetti tal-iskadenza tat-terminu, eċċ.

44. Dawn ir-regoli kollha, li jistgħu jkunu previsti minn dispożizzjonijiet differenti, jiffurmaw ħaġa waħda sħiħa indiviżibbli. Hija biss il-leġiżlazzjoni fit-totalità tagħha li tippermetti li tiġi evalwata l-portata reali tal-preskrizzjoni [9].

b) Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju u tal-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni

45. F'dan il-każ, l-interpretazzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin timplika qari konġunt tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regoli ta' Implementazzjoni.

46. Dan il-qari konġunt jirriżulta mill-fatt li l-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju jiddefinixxi l-krediti kkonċernati mill-preskrizzjoni u jistabbilixxi t-terminu ta' ħames snin, iżda jiddelega lill-Kummissjoni Ewropea l-kompitu li tiddetermina r-regoli għall-applikazzjoni tiegħu, bħad-data meta jibda jiddekorri t-terminu u l-kundizzjonijiet għall-interruzzjoni tiegħu. Dawn ir-regoli huma rregolati mill-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni.

47. Fir-rigward tad-*dies a quo*, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 85b(1) tar-Regoli ta' Implementazzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni għall-krediti tal-Unjoni fil-konfront ta' terzi jibda jiddekorri "malli tinqabeż l-iskadenza kkomunikata lid-debitur fin-nota ta' debitu".

48. Nosserva li jirriżulta b'mod ċar mill-qari konġunt tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq li, għal dak li jirrigwarda l-krediti tal-Unjoni fil-konfront ta' terzi, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst fl-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju jibda jiddekorri fid-data ta' għeluq indikata fin-nota ta' debitu.

49. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-objettiv tal-Artikolu 73a tar-Regolament finanzjarju kif ukoll mill-kuntest regolatorju tiegħu.

50. Nirrileva li l-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju kien inkluż fit-taqsima bit-titolu "Irkupru" tal-ewwel parti, Titolu IV, Kapitolu 5, ta' dan ir-regolament, li jirregola s-setgħat tal-uffiċjal tal-Unjoni li jawtorizza fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru. Mill-motivi tal-att ta' emenda li ddaħħal l-imsemmi Artikolu 73a fir-Regolament Finanzjarju jirriżulta li din id-dispożizzjoni l-ġdida hija intiża b'mod partikolari sabiex tillimita fiż-żmien il-possibbiltà li jiġu rkuprati l-krediti tal-Unjoni mingħand terzi, sabiex jiġi ssodisfatt il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba [10]. Issa, l-iffissar ta' terminu li jiddekorri mid-data stabbilita fil-bidu tal-proċedura ta' rkupru u li jinkwadra din il-proċedura jissodisfa dan l-objettiv li jikkonsisti fil-promozzjoni tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

8 — Għan analiżi tad-dritt komparattiv, ara E.W. Hondius (ed.), *Extinctive prescription: on the limitation of actions: reports to the XIVth Congress*, International Academy of Comparative Law, Ateni 1994, u J. Zrałek, *Przedawnienie w międzynarodowym obrocie handlowym*, Zakamycze — Kraków, 2005.

9 — Għaldaqstant, Hondius (*op. cit.*, p. 8) jiċċita bosta fatturi differenti li kellhom influwenza fuq il-portata tal-preskrizzjoni, u jikkonkludi li diskussjoni limitata għal aspett wieħed biss tal-preskrizzjoni, bħat-terminu, ma tagħmilx sens. Skont id-dritt internazzjonali privat, l-użu tal-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku, minħabba n-natura inadegwata tat-terminu ta' preskrizzjoni li jirriżulta mil-*lex causae*, huwa limitat għal ipoteżijiet eċċezzjonali u jeħtieġ li jitqiesu d-dispożizzjonijiet kollha li għandhom influwenza fuq it-tul ta' żmien tat-terminu (ara Zrałek, *op. cit.*, p. 150).

10 — Ara l-premessa 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1995/2006, tat-13 ta' Diċembru 2006, li jemenda r-Regolament Nru 1605/2002 (ĠU L 390, p. 1).

51. Din l-interpretazzjoni, li tgħid li t-terminu inkwistjoni jibda jiddekorri sa mid-data indikata fin-nota ta' debitu, ġiet adottata wkoll fis-sentenza appellata.

52. Effettivament, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punti 39 u 40 tas-sentenza appellata, li skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament finanzjarju u tar-Regoli ta' Implementazzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri f'din il-kawża fl-20 ta' Jannar 2011, jiġifieri fid-data ta' għeluq kkomunikata lill-appellant fin-nota ta' debitu li ġiet indirizzata lilu mill-Parlament fit-13 ta' Ottubru 2010. Fid-data meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri fis-7 ta' Ottubru 2010, dak it-terminu kien għadu ma bediex jiddekorri u, għaldaqstant, il-preskrizzjoni ma ġietx akkwistata f'din il-kawża.

53. L-appellant jallega li din il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 85b(1) tar-Regoli ta' Implementazzjoni. Skont l-appellant, din id-dispożizzjoni, sa fejn tirreferi għad-data kkomunikata fin-nota ta' debitu, għandha titqies li tirreferi għal "terminu ieħor ta' ħames snin" apparti t-terminu ta' preskrizzjoni proprju, li, dan tal-aħħar, kellu jibda jiddekorri mill-jum meta l-kreditu seta' jiġi invokat.

54. Issa, nosserva li l-interpretazzjoni ssuġġerita mill-appellant b'ebda mod ma hija kkorroborata mit-termini tal-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju, li jirreferu b'mod ċar, f'dak li jirrigwarda l-krediti tal-Unjoni fil-konfront ta' terzi, għal terminu wieħed ta' ħames snin.

55. Barra minn hekk, jidhirli li l-approċċ issuġġerit mill-appellant ipoġġi f'dubju l-legalità tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 85b(1) tar-Regoli ta' Implementazzjoni u potenzjalment iwassal għal interpretazzjoni *contra legem*.

56. Fil-fatt, jekk nassumu li, meta adottat l-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni, il-Kummissjoni stabbilixxiet regoli dwar "terminu ieħor ta' ħames snin" apparti dak imsemmi fl-Artikolu 73a tar-regolament finanzjarju, kif jipproponi l-appellant, dan ikun ifisser li l-imsemmija regoli huma vvizzjati b'illegalità, sa fejn jinjoraw id-delegazzjoni prevista fl-imsemmi tieni subparagrafu tal-Artikolu 73a.

57. B'hekk, nikkunsidra li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni ma jistgħux jiġu interpretati kif jipproponi l-appellant, u li l-Qorti Ġenerali kienet korretta fid-dritt meta ddeċidiet li t-terminu inkwistjoni jibda jiddekorri mid-data ta' għeluq indikata fin-nota ta' debitu.

c) Fuq il-konsegwenzi tal-interpretazzjoni mill-perspettiva tal-prinċipju ta' ċertezza ġuridika

58. X'inhuma l-konsegwenzi tal-interpretazzjoni li nipproponi fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza ġuridika invokat mill-appellant?

59. Nixtieq nenfasizza li, fil-fehma tiegħi, dan il-prinċipju jipprekludi li l-azzjoni li tirriżulta minn kreditu tkun tista' tiġi pperpetwata fiż-żmien mingħajr limitazzjoni. Tali sitwazzjoni tmur kontra r-rwol ta' stabilizzatur tas-sistema ġuridika, kif ukoll kontra l-bilanċ bejn l-interessi leġittimi rispettivi tad-debituri u tal-krediturі. Huwa f'dan is-sens li jista' jingħad li l-preskrizzjoni estintiva tikkostitwixxi "prinċipju" komuni tas-sistemi ġuridiċi moderni.

60. Ir-risposta għall-kwistjoni jekk it-terminu ta' preskrizzjoni li jirriżulta mill-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza appellata jippermettix li jiġu żgurati l-interessi tad-debitur f'termini ta' ċertezza ġuridika tiddependi mir-relazzjoni bejn il-mument meta l-kreditu tal-Unjoni jsir dovut u l-mument meta jiġi kkonstatat permezz tal-adozzjoni ta' att amministrattiv.

61. Għandu jiġi osservat li, fl-ispirtu tal-Artikolu 60 tar-Regolament Finanzjarju, l-eżekuzzjoni tad-dħul tal-Unjoni jinkludi b'mod partikolari l-istabbiliment tal-kreditu u tal-irkupru tiegħu.

62. Skont l-Artikolu 71(2) tal-imsemmi regolament, kull kreditu identifikat bħala ċert, likwidu u dovut għandu jkun ikkonstatat b'ordni ta' rkupru, segwita b'nota ta' debitu indirizzata lid-debitur.

63. L-Artikolu 78(1) tar-Regoli ta' Implementazzjoni jiddefinixxi l-konstazzjoni ta' kreditu, mill-uffiċjal tal-Unjoni li jawtorizza, bħala r-"rikonoxximent tad-dritt tal-Unjoni fil-konfront ta' debitur u l-istabbiliment tad-dritt li jintalab ħlas mid-detentur". Mill-paragrafu 3 tal-istess artikolu li n-nota ta' debitu hija att li permezz tagħha dik il-konstatazzjoni tiġi nnotifikata lid-debitur. In-nota ta' debitu tindika d-data ta' għeluq għall-ħlas, u wara din id-data l-istituzzjoni tipproċedi għall-irkupru tal-kreditu u l-interessi moratorji jsiru dovuti.

64. F'dan ir-rigward nosserva li ma jistax jiġi eskluż li ċerti krediti tal-Unjoni jsiru dovuti biss wara l-att li jikkonstata l-kreditu b'mod konformi mal-Artikolu 71(2) tar-Regolament Finanzjarju.

65. Fuq din il-bażi, l-att li jikkonstata l-kreditu u li jiġi kkomunikat lid-debitur permezz tan-nota ta' debitu jista', għal ċerti krediti, jitqies bħala att kostituttiv li jagħti lok għal dritt tal-Unjoni li jiġi invokat il-kreditu kontra t-terz ikkonċernat [11].

66. Għal dawn il-krediti, it-terminu ta' preskrizzjoni msemmi fl-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju u fl-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni, li jibda jiddekorri mid-data indikata fin-nota ta' debitu, jikkostitwixxi mezz adegwat għall-protezzjoni tal-interessi tad-debitur. Fil-fatt, għal dawn il-krediti, id-data ta' komunikazzjoni tan-nota ta' debitu hija qrib ħafna ta' dik meta jsir dovut.

67. Ma hemm ebda dubju, madankollu, li krediti oħrajn tal-Unjoni diġà jkunu dovuti fil-mument meta jiġi adottat l-att li jikkonstata l-kreditu li jikkostitwixxi, f'dan ir-rigward, att dikjarattiv.

68. Għal dawn l-aħħar krediti, it-terminu previst fl-Artikolu 73a tar-regolament finanzjarju u fl-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni huwa insuffiċjenti bħala strument għall-protezzjoni tal-interessi tad-debitur li jirriżulta mill-prinċipju ta' ċertezza ġuridika, peress li dan jibda jiddekorri mid-data magħżula mill-kreditur, li ma għandha ebda konnessjoni mal-mument meta l-kreditu jinħoloq jew isir dovut.

69. B'hekk hemm lakuna fid-dritt tal-Unjoni li tista' toħloq riskju li ċerti krediti tal-Unjoni jiġu pperpetwati b'mod indefinit fiż-żmien, peress li t-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri biss mill-mument meta dawn jiġu kkonstatati u jinbeda l-irkupru skont il-proċedura prevista fir-Regolament Finanzjarju.

70. Il-portata ta' dik il-lakuna tidher li hija relattivament limitata minħabba l-ispeċifiċità tar-relazzjonijiet ġuridiċi tal-Unjoni bħala kreditriċi.

71. Fl-ewwel lok, kif diġà indikajt, għall-krediti li jsiru dovuti biss meta jiġu kkonstatati mill-uffiċjal tal-Unjoni li jawtorizza, it-terminu ta' preskrizzjoni li jiddekorri mid-data indikata fin-nota ta' debitu jidher li huwa adegwat.

72. Barra minn hekk, fir-rigward tal-krediti li jirriżultaw minn sanzjonijiet u miżuri punittivi, iċ-ċertezza ġuridika tal-individwi hija żgurata mill-eżistenza tat-termini speċjali li jinkwadraw l-eżerċizzju tas-setgħa ta' sanzjoni [12].

11 — Ara, pereżempju, is-sentenza Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni (T-552/11, UE:T:2013:349, punti 46 u 72). Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, sabiex kreditu dovut ikun jista' jinħoloq skont il-kuntratt inkwistjoni, konklużż bejn il-Kummissjoni u terz, il-Kummissjoni kellha b'mod partikolari tispeċifika l-kundizzjonijiet ta' rimbors tas-somma imħallsa indebitament, u hija għamlet dan f'nota ta' debitu. Dan ifisser li, f'din il-kawża, il-kreditu jsir dovut biss minn meta tintbagħat in-nota ta' debitu.

12 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6 iktar 'il fuq.

73. Barra minn hekk, il-krediti li jirriżultaw mir-relazzjonijiet kuntrattwali tal-Unjoni jistgħu jkunu suġġetti għar-regoli tal-preskrizzjoni li jinsabu fil-liġi applikabbli magħżula mill-partijiet fil-kuntratt jew mir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet. Finalment, il-krediti miżmuma mill-Unjoni fil-konfront ta' terzi bħala konsegwenza ta' delitt jistgħu wkoll ikunu suġġetti għad-dritt nazzjonali applikabbli skont ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet [13].

74. Xorta jibqa' l-fatt li ċerti krediti tal-Unjoni, bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, ma jaqgħu taħt ebda waħda minn dawn l-ipoteżijiet u b'hekk hemm riskju li jkomplu jippersistu b'mod indefinit sakemm l-istituzzjoni tal-Unjoni tikkonstata b'mod definittiv l-eżistenza tagħhom u tipproċedi biex tirkuprahom.

d) Fuq l-eżistenza tal-lakuna leġiżlattiva

75. Fil-fehma tiegħi, din hija lakuna li ma tistax tiġi rrimedjata permezz tal-interpretazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regoli ta' Implementazzjoni.

76. F'dan ir-rigward, l-appellant jipproponi li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jiġu interpretati fis-sens li jistabbilixxu preskrizzjoni "doppja", li tikkonsisti f'żewġ termini li kull wieħed minnhom għandu punt ta' tluq differenti: għal wieħed, id-data meta jista' jiġi invokat il-kreditu u, għall-oħra, id-data indikata fin-nota ta' debitu.

77. Fil-fehma tiegħi, dan l-approċċ ifisser, fir-realtà, li l-qorti setgħet tinjora t-test regolatorju u tistabbilixxi terminu ġdid ta' preskrizzjoni, minbarra dak previst fir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implementazzjoni.

78. Ninsab konvint li l-qorti tal-Unjoni għandha tassumi bis-sħiħ ir-rwol tagħha sabiex tikkundanna l-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza ġuridika fil-każijiet individwali li jkollha quddiemha.

79. Madankollu, ma jidhirlix li dan ir-rwol jista' b'mod leġittimu jasal sabiex jistabbilixxi terminu ġdid ta' preskrizzjoni.

80. Fil-fehma tiegħi, l-iffissar tat-terminu ta' preskrizzjoni jaqa' taħt il-kompetenza proprja tal-leġiżlatur.

81. Din il-kunsiderazzjoni hija bbażata fuq diversi raġunijiet. Sabiex jiġi ddeterminat it-terminu ta' preskrizzjoni, il-leġiżlatur għandu jibbilanċja ċ-ċertezza ġuridika tad-debitur mal-interess leġittimu tal-kreditur sabiex tiġi rrestawrata l-legalità. Sabiex jiġi ddeterminat terminu preċiż, dan l-ibbilanċjar għandu jsir *in abstracto*, u mhux għal kawża konkreta. Sabiex ma jiġux kompromessi l-aspettattivi leġittimi tal-kreditur, it-terminu ta' preskrizzjoni kif ukoll ir-regoli ta' implementazzjoni kollha għandhom ikunu stabbiliti u magħrufa minn qabel. Barra minn hekk, l-iffissar ta' terminu ta' preskrizzjoni jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet kollha li jiċċirkundaw l-applikazzjoni tiegħu.

82. Dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw bl-istess saħħa għall-kompetenza relatata mad-determinazzjoni tal-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni.

83. Fil-fatt, l-identifikazzjoni tal-punt ta' tluq tikkostitwixxi strument ta' kalibrazzjoni, li huwa importanti daqs it-terminu ta' preskrizzjoni nnifsu, li jippermetti li jiġi żgurat bilanċ bejn l-interessi tal-kreditur u dawk tad-debitur.

13 — Fl-assenza ta' armonizzazzjoni tad-dritt dwar ir-responsabbiltà extrakuntrattwali, id-dritt nazzjonali jista' jkun applikabbli għall-krediti li jirriżultaw minn delitt li jikkawża dannu lill-Unjoni. Ara wkoll ir-rikors għad-danni ippreżentat mill-Kummissjoni quddiem qorti Belġjana, li jirrigwarda d-dannu mġarrab minħabba akkordju bejn diversi manifatturi tal-lifts. Dan ir-rikors kien jinvolvi talba għal deċiżjoni preliminari li tat lok għas-sentenza Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684).

84. Dan il-bilanċ jista' jkun iddefinit b'mod differenti fil-kuntest tar-responsabbiltajiet kuntrattwali u extra kuntrattwali.

85. Min-naħa waħda, għall-krediti li jirriżultaw mill-ksur ta' klawżola kuntrattwali, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri, bħala regola ġenerali, fil-mument meta l-kreditu jsir dovut, li normalment jikkoinċidi mad-data meta jkun seħħ il-ksur.

86. Min-naħa l-oħra, għall-krediti li jirriżultaw minn delitt, għandu jitqies il-fatt li l-kreditur jista' ma jkunx konxju immedjatament mill-fatt imwettaq jew ma jkunx konxju li ġarrab dannu. Barra minn hekk, jista' ma jkollux l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex iressaq azzjoni.

87. Għal dawn l-aħħar krediti, id-determinazzjoni tal-punt ta' tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni hija kwistjoni iktar delikata, li tissolva b'mod differenti mil-leġiżlaturi tad-diversi Stati Membri.

88. Fid-diversi sistemi ġuridiċi, dan il-punt ta' tluq jista' jiġi ffissat *a tempore facti*, jiġifieri fid-data meta jkun twettaq il-fatt jew meta jkun deher id-dannu, jew inkella jista' jiġi stabbilit *a tempore scientiae*. Dan l-aħħar mument jista' jiġi identifikat b'mod differenti: jista' jkun il-jum meta l-kreditur ikun skopra l-fatt jew id-dannu, il-jum meta l-fatt jew id-dannu raġonevolment kellu jiġi skopert, il-jum meta l-kreditur ikun akkwista ċertezza dwar ir-rabta ta' kawżalità bejn il-fatt u d-dannu, jew dak meta jkun sar jaf jew kellu jsir jaf bl-identità tal-persuna responsabbli [14]. Il-kriterju li wieħed isir konxju jimplika, barra minn hekk, id-determinazzjoni ta' livell ta' informazzjoni suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit meta jibda jiddekorri t-terminu [15]. Barra minn hekk, ċerti sistemi ġuridiċi jistabbilixxu punt ta' tluq differenti għall-krediti li jirriżultaw minn att illeċitu intenzjonali jew atti li jistgħu jkunu suġġetti għal proċeduri penali [16].

89. L-għażla bejn dawn id-diversi possibbiltajiet hija eżerċizzju ta' bilanċjar tal-interess li, fil-fehma tiegħi, jaqa' b'mod ċar taħt il-funzjoni tal-leġiżlatur.

90. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, nikkunsidra li ma huwiex prevedibbli li jiġi stabbilit terminu ta' preskrizzjoni, jew il-punt ta' tluq tiegħu, b'mod ġudizzjarju. Indipendentement min-numru ta' soluzzjonijiet possibbli, it-terminu ta' preskrizzjoni u l-punt ta' tluq tiegħu għandhom ikunu magħrufa mill-kreditur minn qabel.

91. F'ċerti każijiet eċċezzjonali, il-qorti tista' tbiddel it-terminu ta' preskrizzjoni jew ir-regoli tal-applikazzjoni tiegħu [17], iżda kif għadni kif enfasizzajt, jidhirli li l-possibbiltà li jiġu stabbiliti tali terminu jew tali regoli ma tistax taqa' taħt ir-rwol ta' qorti.

92. Jidhirli li l-assenza ta' terminu li jista' jestingwi ċerti krediti tal-Unjoni qabel ma jkunu ġew ikkonstatati mill-kreditur huwa kundannabbli mill-perspettiva tal-prinċipju ta' ċertezza ġuridika.

93. Madankollu, hija l-kompetenza tal-leġiżlatur sabiex jirrimedja dan billi jemenda r-regoli li japplikaw ir-Regolament Finanzjarju.

14 — Ara Hondius f': Hondius (ed.), *op. cit.*, p. 21, li jagħmel riferiment għar-rapporti nazzjonali li jinsabu fix-xogħol, u Zrałek, *op. cit.*, p. 59.

15 — Pereżempju, l-awturi Pollakki jaqblu dwar il-fatt li kwalunkwe informazzjoni dwar il-persuna responsabbli ma hijiex biżżejjed, u li l-kreditur għandu jkollu informazzjoni minn sors kompetenti u ta' tali portata li tkun tippermetti li wieħed ikun jista' jattribwixxi, bi grad ta' probabbiltà suffiċjenti, il-fatti mwettqa lil persuna magħrufa. Ara Kordasiewicz, *op. cit.*, p. 612.

16 — Bħala eżempju, l-Artikolu 442(1) tal-Kodiċi Ċivili Pollakk jipprovdi terminu ta' preskrizzjoni eċċezzjonalment twil, ta' għoxrin sena mill-jum meta jkun twettaq il-fatt, għall-krediti li jikkonċernaw d-dannu mġarrab minħabba ksur penali.

17 — Fid-dritt Pollakk, il-qorti tista' tintervjeni fir-rigward tal-konsegwenzi tal-preskrizzjoni f'każ ta' abbuż ta' dritt, li jikkostitwixxi speċi ta' "valv ta' sigurtà" (ara Kordasiewicz, *op. cit.*, p. 606). Fid-dritt Ġermaniż, il-Bundesfinanzhof iddeċidiet li għandha kompetenza "ta' għajnuna" ("Notkompetenz") li tippermettilha tqassar it-terminu ta' preskrizzjoni previst f'dak li qabel kien l-Artikolu 195 tal-BGB (Kodiċi Ċivili Federali) (BFH, 7 ta' Lulju 2009, Az. VII R 24/06). Skont id-dritt tal-Unjoni, il-qorti nazzjonali tista' tkun obbligata li temenda t-terminu ta' preskrizzjoni li jirriżulta mid-dritt nazzjonali fl-ipoteżi li l-applikazzjoni tiegħu ma tkunx tosserva l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Manfredi *et*, C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punti 77 sa 82).

e) Fuq il-prinċipju ta' terminu raġonevoli

94. F'dik is-sitwazzjoni, li twassal għal inċertezza ġuridika, il-qorti tal-Unjoni għandha, fil-fehma tiegħi, tirrikorri għal kull strument li jaqa' taħt il-kompetenzi tagħha sabiex jiġi żgurat l-osservanza sħiħa tal-prinċipju ta' ċertezza ġuridika fil-kawża li biha hija adita.

95. F'dan ir-rigward għandu jsir riferiment għad-diversi kunċetti legali marbuta mal-passaġġ taż-żmien, li jistgħu jvarjaw skont l-ordinament ġuridika iżda li huma, bħall-istitut tal-preskrizzjoni, korollarji tal-prinċipju ta' ċertezza ġuridika.

96. Taħt id-dritt tal-Unjoni, fir-rigward tar-relazzjonijiet ġuridiċi bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u d-debituri individwali, dan ir-rwol ta' "soluzzjoni ta' għajnuna" huwa, fil-fehma tiegħi, issodisfatt b'mod l-iktar adegwat mill-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

97. Skont dan il-prinċipju, li r-rwol transversali tiegħu ġie kkonfermat f'bosta okkażjonijiet[18], fl-ipoteżi fejn terminu legali ma jkunx ġie previst, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma obbligati li josservaw terminu raġonevoli f'kull aġir tagħhom.

98. Dan it-terminu raġonevoli jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ u ma jistax jiġi ffissat b'riferiment għal limitu massimu preċiż, iddeterminat b'mod astratt. L-applikazzjoni tiegħu hija intiża li tipproteġi, fuq bażi ta' każ b'każ, iċ-ċertezza ġuridika tal-individwi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Unjoni, meta ma jkunx hemm terminu legali[19].

99. Għandu jiġi enfasizzat li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli ma tistax tiggarantixxi l-istess grad ta' ċertezza ġuridika u ta' prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet ġuridiċi bħat-terminu ta' preskrizzjoni legali, li d-durata u l-konsegwenzi tal-iskadenza tiegħu huma ddeterminati bil-quddiem.

100. Madankollu, fl-assenza ta' terminu legali adegwat, l-użu tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli jidhirli li huwa l-istrument xieraq sabiex ikun jista' jiġi evitat, fil-kuntest ta' kawża partikolari, li lakuna leġiżlattiva fir-rigward tal-preskrizzjoni tagħmel ħsara lill-interessi leġittimi tad-debitur tal-Unjoni.

101. F'din il-kawża, billi poġġiet l-istħarriġ tagħha taħt il-perspettiva ta' dan il-prinċipju, il-Qorti Ġenerali b'hekk irrispondiet għall-allegazzjonijiet tal-appellant f'kamp li, fl-istess ħin, kien xieraq għar-rwol tal-qorti u jippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi leġittimi sottostanti għall-argument tal-appellant.

102. Barra minn hekk, fl-appell tiegħu, l-appellant ma jikkritikax il-kunsiderazzjonijiet adottati mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' dan l-eżami.

103. B'mod partikolari, l-appellant ma jikkontestax il-motiv tal-punt 51 tas-sentenza appellata, li jfakkar kunsiderazzjoni stabbilita sew fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont liema l-konstatazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli ma tistax twassal għall-annullament ta' att ħlief jekk it-tul ta' żmien tal-aġir tal-istituzzjoni kellu effett possibbli fuq l-eżitu tal-proċedura li tkun

18 — Ser niċċita biss xi ftit eżempji tal-applikazzjoni tiegħu f'diversi oqsma, b'mod partikolari, l-irkupru tal-għajnuna mħallsa illegalment (sentenza Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni, C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524), l-awditjar tal-kontijiet tal-FAEGG (sentenza Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-321/09 P, EU:C:2011:218), l-irkupru tal-ispejjeż mġarrba quddiem il-qorti tal-Unjoni (digriet Dietz vs Il-Kummissjoni, 126/76 DEP, EU:C:1979:158), il-preżentata ta' talba għad-danni minn uffiċjal (digriet Marcuccio vs Il-Kummissjoni, T-157/09 P, EU:T:2010:403), u l-azzjonijiet għall-irkupru ta' ammonti indebiti fir-rigward ta' funzjoni pubblika (sentenza Ronsse vs Il-Kummissjoni, T-205/01, EU:T:2002:269).

19 — Ara, għal sinteżi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' "terminu raġonevoli", is-sentenza Arango Jaramillo *et* vs BEI (C-334/12 RX-II, EU:C:2013:134, punti 27 sa 34).

wasslet għall-adozzjoni ta' dan l-att. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, jekk id-drittijiet tad-difiża tad-destinatarju jkunu potenzjalment kompromessi [20]. Issa, l-appellant ma jikkontestax il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li f'dan il-każ hija ma stabbilixxietx li kien hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu.

104. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet kollha, nikkunsidra li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellant, li tallega interpretazzjoni żbaljata, hija infondata.

2. Fuq it-tieni parti, li hija bbażata fuq eċċezzjoni ta' illegalità

105. L-appellant isostni li l-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni kif ukoll, sussidjarjament, l-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju, huma vvizzjati b'illegalità.

106. Infakkar li motiv ippreżentat għall-ewwel darba fil-kuntest ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, ħlief jekk ikun jikkonsisti f'motiv li l-Qorti Ġenerali kellha tissolleva *ex ufficio*.

107. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li parti tiġi awtorizzata tqajjem motiv jew argumenti, għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, ikun ifisser, li tkun qed tiġi awtorizzata tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha kompetenza limitata fil-qasam tal-appell, kawża iżjed estensiva minn dik li tkun tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali [21].

108. Issa, kif jirriżulta mill-proċess, l-appellant ma invokax, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-illegalità tal-Artikolu 73a tar-Regolament Finanzjarju jew tal-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni.

109. Barra minn hekk, fl-appell tiegħu, l-appellant ma invoka ebda argument dwar il-ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-obbligu li jitqajjem motiv ta' ordni pubbliku.

110. B'hekk nikkunsidra li l-eċċezzjoni ta' illegalità invokata mill-appellant f'din il-kawża tmur kontra l-projbizzjoni ta' motivi ġodda fl-istadju tal-appell, u, għaldaqstant, hija inammissibbli.

3. Fuq it-tielet parti, dwar il-portata tal-eżami mill-Qorti Ġenerali

111. L-appellant essenzjalment isostni li l-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, eżaminat il-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli minflok ma rrispondiet għall-argument prinċipali tagħha li jallega ksur tar-regoli ta' preskrizzjoni.

112. Dan l-argument, fir-realtà, iqajjem żewġ problemi distinti. L-ewwel nett, jirrigwarda l-kwistjoni jekk il-Qorti Ġenerali rrisponditx għall-argument invokat mill-appellant fl-ewwel istanza. It-tieni nett, iqajjem il-kwistjoni jekk il-Qorti Ġenerali eżaminatx ġustament dan l-argument mill-perspettiva tal-osservanza tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

20 — Ara s-sentenzi Technische Unie vs Il-Kummissjoni (C-113/04 P, EU:C:2006:593, punt 48) u, b'analoġija, Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni (C-58/12 P, EU:C:2013:770, punti 73 u 74).

21 — Sentenzi Sison vs Il-Kunsill (C-266/05 P, EU:C:2007:75, punt 95), kif ukoll L-Isvezja *et* vs Api u l-Kummissjoni (C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punt 126) u d-digriet EMC Development vs Il-Kummissjoni (C-367/10 P, EU:C:2011:203, punt 93).

113. Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' risposta, infakkar li l-Qorti Ġenerali ma hijiex obbligata li tirrispondi espliċitament għall-argumenti kollha ssollevati fl-ewwel istanza mill-partijiet fil-kawża. Għaldaqstant, il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali tista' tkun impliċita, bil-kundizzjoni li permezz tagħha l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jkunu jafu r-raġunijiet għaliex il-Qorti Ġenerali ma tkunx laqgħat l-argumenti tagħhom u li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha elementi biżżejjed sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha [22].

114. F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-proċess, l-appellant sostna quddiem il-Qorti Ġenerali li jeżisti prinċipju ġenerali ta' dritt li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri fil-mument meta l-kreditur jista jasserixxi l-kreditu tiegħu. Skont l-appellant, dan il-prinċipju, li huwa komuni fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri, għandu jwassal lill-Qorti Ġenerali sabiex twarrab kull interpretazzjoni oħra tar-regoli tal-preskrizzjoni inkwistjoni.

115. Issa, il-Qorti Ġenerali impliċitament, iżda neċessarjament, ċaħdet dan l-argument fil-punti 38 sa 42 tas-sentenza appellata.

116. Fil-fatt, fir-rigward tal-motiv li jallega l-ksur tar-regoli tal-preskrizzjoni ta' ħames snin, il-Qorti Ġenerali indikat li l-Artikolu73a tar-Regolament Finanzjarju, invokat mill-appellant, jirreferi għad-data ffissata fir-Regoli ta' Implementazzjoni u b'hekk għandu jinqara flimkien ma' dawn tal-aħħar. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali interpretat il-preskrizzjoni ta' ħames snin fid-dawl tal-Artikolu 85b tar-Regoli ta' Implementazzjoni, billi kkonstatat li t-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri, kif jirriżulta espliċitament mill-istess artikolu, sa mid-data ta' għeluq indikata fin-nota ta' debitu.

117. B'hekk jidhirli li din il-parti tal-ewwel aggravju ma hijiex fondata, għal dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' risposta għal argument imqajjem fl-ewwel istanza.

118. Fit-tieni lok, il-kritika li saret mill-appellant tikkonċerna r-rilevanza tal-analiżi bbażata fuq il-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

119. Min-naħa waħda, anki jekk jiġi preżunt li l-Qorti Ġenerali setgħet tevita li teżamina l-osservanza tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli bħala motiv distint ta' annullament, dan ifisser biss li fis-sentenza appellata hemm raġunijiet *ad abundantiam*, li ma jistax iwassal għall-annullament tagħha. Min-naħa l-oħra, kif diġà osservajt fil-kuntest tal-analiżi tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju [23], il-Qorti Ġenerali ġustament eżaminat l-argument tal-appellant fuq il-bażi tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli.

120. Fil-fehma tiegħi, l-argument tal-appellant li huwa bbażat fuq in-natura inadegwata tal-eżami tat-terminu raġonevoli, kif ukoll it-tielet parti tal-ewwel aggravju fit-totalità tagħha għandhom jiġu miċħuda.

121. Wara din l-analiżi, jidhirli li l-ewwel aggravju ma jistax jiġi aċċettat.

B – *Fuq it-tieni sal-ħames aggravji*

122. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat it-tieni motiv tar-rikors, fejn huwa qal li ma setax jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq il-punti kollha li servew bħala bażi għad-deċiżjoni kkontestata.

22 — Ara s-sentenza FIAMM *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 — Ara l-punti 94 sa 104 iktar 'il fuq.

123. Nosserva li l-appellant jonqos milli jippreċiża b'mod ċar f'xiex jikkonsisti l-allegat żnaturament, iżda jirreferi b'mod ġenerali għad-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kawża. Għaldaqstant, *a priori*, l-allegazzjonijiet tiegħu fil-kuntest tat-tieni aggravju ma humiex issostanzjati b'mod suffiċjenti.

124. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-applikant isostni li, fil-kuntest taċ-ċaħda tal-argumentazzjoni dwar id-determinazzjoni tad-domiċilju għall-finijiet tar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-Qorti Ġenerali kienet obbligata li tippreċiża l-kontenut tal-kunċett ta' domiċilju fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, skont l-appellant, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx teskludi kull possibbiltà ta' regolarizzazzjoni tal-irregolarità mwettqa fl-għażla tal-benefiċjarji tal-kumpens, filwaqt li l-fatti allegati kienu jistabbilixxu n-natura purament formali ta' din l-irregolarità.

125. Fil-fehma tiegħi, permezz ta' dawn l-allegazzjonijiet, kif huma fformulati mill-perspettiva ta' interpretazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni SKU, l-appellant fir-realtà qiegħed jipprova jikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti, li tmur lil hinn mill-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell [24]. Għalhekk, it-tielet aggravju huwa inammissibbli.

126. Ir-raba' aggravju, invokat b'mod sussidjarju, huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-appellant isostni li, għalkemm il-krediti tal-Parlament għandhom jiġu ġġustifikati fil-prinċipju tagħhom, l-ammont tagħhom għandu jinbidel sabiex jitqiesu l-*bona fede* tal-appellant ċ-ċirkustanzi konkreti ta' dan il-każ.

127. B'hekk l-appellant essenzjalment itenni l-argumenti li ġew eżaminati u miċħuda mill-Qorti Ġenerali fil-punti 102 sa 113 tas-sentenza appellata u ma jqajjem ebda żball ta' dritt li jivvizzja l-motivi tas-sentenza appellata. Fil-fehma tiegħi, ir-raba' aggravju huwa, għal din ir-raġuni, inammissibbli [25].

128. Finalment, il-ħames aggravju jikkonċerna unikament min għandu jħallas l-ispejjeż fiż-żewġ kawżi magħquda quddiem il-Qorti Ġenerali.

129. Għandu jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja l-appell ma jistax jirrigwarda biss l-ammont tal-ispejjeż u min għandu jħallashom. Skont ġurisprudenza stabbilita sew, dik ir-regola tapplika għall-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-allegata irregolarità tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-ispejjeż, fl-ipoteżi fejn ikunu ġew miċħuda l-aggravji l-oħrajn kollha [26].

130. B'hekk, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-proposta tiegħi li tiċħad l-ewwel erba' aggravji, ma jkunx hemm lok li jiġi eżaminat il-ħames aggravju dwar l-allegata irregolarità mwettqa mill-Qorti Ġenerali meta qassmet l-ispejjeż tal-kawża.

131. Għaldaqstant, nipproponi li jiġu miċħuda t-tieni sal-ħames aggravji u li jiġi miċħud ukoll l-appell fit-totalità tiegħu.

132. Peress li l-appellant tilef, nipproponi li, b'applikazzjoni tal-Artikoli 184(1) u 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, jiġi kkundannat biex ibati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Parlament.

24 — Ara s-sentenza E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Eurocoton *et* vs Il-Kunsill (C-76/01 P, EU:C:2003:511, punt 47).

26 — Sentenzi Henrichs vs Il-Kummissjoni (C-396/93 P, EU:C:1995:280, punti 65 u 66), kif ukoll Edwin vs UASI (C-263/09 P, EU:C:2011:452, punt 78). Għalkemm il-ġurisprudenza ċċitata tiddikjara tali aggravju dwar l-ispejjeż inammissibbli, fil-fehma tiegħu jkun iktar xieraq li jiġi kkunsidrat li, fil-każ taċ-ċaħda tal-aggravji l-oħrajn, ma hemmx iktar lok li jiġi eżaminat.

VII – **Konklużjoni**

133. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad l-appell u tikkundanna lil Riccardo Nencini għall-ispejjeż.